**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 295/18 CZ**

**Dr. Jean Paul Demajo ezercenti l-professjoni tieghu fl-isem Drs. Demajo Dental & Implantology Clinics u Dr. Michelle Demajo**

**vs.**

**Esther Grima**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi mressqa fit-28 ta' Gunju 2018 li biha premettew:

Illi l-konvenuta hija debitrici fil-konfront tal-atturi fl-ammont ta' elf, mija u ghoxrin Euro (€1,120) rapprezentanti pagamenti dovuti ghal servizzi professjonali ta' dentristrija li gew rezi lill-istess konvenuta u dan skond invoice datata 18 ta' Mejju 2018 (annessa u mmarkata bhala Dok. A);

Illi permezz ta' ittra ufficcjali ezekuttiva a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, numru 2705/2017 datata 15 ta' Novembru 2017, (kopja annessa u mmarkata bhala Dokument B), il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont ta' elf, mija u ghoxrin Euro (€1,120) rapprezentanti pagamenti dovuti ghal servizzi professjonali ta' dentistrija li jikkonsistu, imma mhux limitatament, f'fixed metal-ceramic bridge, li gew rezi lill-konvenuta mid-dentista Dr. Michelle Demajo;

Illi, permezz ta' nota fl-atti tal-ittra ufficcjali ezekuttiva numru 2705/2017 prezentata fis-6 ta' Dicembru 2017 (hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C), il-konvenuta rrespingiet il-pretensjonijiet kif dedotti fl-istess ittra ufficcjali 166A;

Illi ghalhekk kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa, l-atturi jitolbu bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex:

a) Jiddikjara li l-konvenuta hi debitrici tal-atturi fl-ammont ta' elf, mija u ghoxrin Euro (€1,120) rapprezentanti pagament dovuti ghal servizzi professjonali ta' dentistrija rezi mill-atturi;
b) Jiddeciedi, jordna u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi l-ammnt ta' elf, mija u ghoxrin Euro (€1,120) rapprezentanti pagament dovuti ghal servizzi professjonali ta' dentistrija rezi mill-atturi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni, inkluz bl-ispejjez tal-ittra ufficcjali ezekuttiva numru 2705/17 tal-15 ta' Novembru 2017, u bl-

imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficcjali ezekuttiva numru 2705/17 tal-15 ta' Novembru 2017, sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fis-7 ta' Novembru 2018, fejn eccepiet:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149 (b) u (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista li d-data tal-allegati servizzi hija indikata bhala t-13 ta' Mejju 2014 u dan skond ma jirrizulta minn Dok. A anness mat-talba odjerna;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suesost, it-talbiet huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull allegazzjonijiet [sic] tar-rikorrenti ghandha tigi ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' l-attur u tal-konvenuta[1].

Ikkunsidra:

Illi f'din is-sentenza t-Tribunal ser jillimita ruhu ghall-ewwel eccezzjoni.

Illi t-Tribunal sema' x-xiehda tal-partijiet; l-attur xehed illi l-konvenuta talbet lill-klinika tieghu is-servizzi elenkati fil-fattura a fol. 4 tal-process, u dan lura fit-13 ta' Mejju 2014. Il-konvenuta, ghalkemm lanqas fil-mertu ma qablet ma' dak li allega l-attur, ikkonfermat li kienet marret il-klinika ta' l-atturi lura fl-2014.

Illi l-kwistjoni principali hija din: filwaqt li l-konventa qed issostni li l-preskrizzjoni li ghandha tapplika hija dik ta' sentejn, u fil-fatt ghamlet referenza ghal Artikolu 2149 (b) u (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atturi jsostnu illi mhuwiex il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn li ghandu japplika, izda dak ta' hames snin, ai termini ta' l-Artikolu 2156 ta-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikoli tal-ligi li l-konvenuta qed tibbaza fuqhom jipprovdu illi:

> 2149. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:
> (a).....................
> (b) l-azzjonijiet tat-tobba, kirurġi, ostetriċi u spiżjara, għall-viżti jew operazzjonijiet li jagħmlu jew għall-mediċini li jfornu;
> (ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;

[1] Seduta tal-14 ta' Novembru 2018

Illi l-atturi min-naha l-ohra jirreferu ghall-preskrizzjoni tal-hames snin, ghaliex fl-interpretazzjoni taghhom tas-servizzi offruti minnhom stess jiddistingwu bejn dak li huwa prettament servizz ta' dentistrija minn xoghol tekniku bhal ma huwa l-*fixed metal ceramic bridge* li allegatament kellu jsir lill-konvenuta. Jghidu li dan ta' l-ahhar ghandu jattira l-preskrizzjoni tal-hames snin minhabba li dan mhuwiex servizz ta' dentistrija veru u propju izda hija ordni ghal prodott kummercjali li ghalih huwa applikabbli l-Artikolu 2156 (f) u mhux dawk indikati mill-konvenuta. L-Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> 2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
> ..........................
> (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;

Illi qabel ma jiddeciedi fuq dan il-punt, it-Tribunal jehtieg li jghaddi ghall-mod kif ghandha tigi deciza, f'kull kaz, eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Fis-sentenza *Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr. Maria Deguara nomine et.*, intqal[2]:

> Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eccezzjoni taht eżami, jibda biex jinghad li f'kull każ li tittella' eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa mehtieg li fl-ewwel xoghol jigi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tibda titqies. Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt krucjali, ghaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tichad l-eccezzjoni;
>
> Illi, kif inghad iżjed 'il fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Dan ma jfisser bl-

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 t'Ottubru 2003, per Onor. Imhallef Joseph. R. Micallef

> ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu.
>
> Illi bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-preskrizzjoni (specjalment dik tax-xorta li toqtol il-process) hija istitut li, min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan illi ghandu isir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

Illi fil-kaz odjern il-preskrizzjoni ghandha tibda tghodd, skond id-dokument prodott mill-atturi stess, mit-13 ta' Mejju 2014, id-data indikata fuq il-fattura a fol. 4 tal-process. L-ittra ufficcjali saret fil-15 ta' Novembru 2017, u ghalhekk aktar minn sentejn wara li nghataw is-servizzi. Jekk il-preskrizzjoni hija dik indikata mill-konvenuta ghalhekk, l-atturi tilfu l-jedd ghall-azzjoni, filwaqt li jekk il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin, l-atturi ghadhom fid-dritt li jazzjonaw.

Illi, wara li ra x-xorta ta' servizz deskritt mill-attur u li skond hu kellu jinghata lill-konvenuta, it-Tribunal jara li dan huwa servizz strettament relatat mad-dentistrija. F'dan il-qasam, meta pazjent imur ghand dentist biex jindikalu x'ikollu bzonn, dak li jkollu jsir isir bhala soluzzjoni, offruta mid-dentist, ghal dak li jkun jehtieg il-pazjent, u zgur li lill-pazjent ma toqghodx issirlu distinzjoni bejn dak li huwa offrut per via ta' servizz ta' dentistrija u xi prodott kummercjali iehor. Anke jekk wiehed ihares lejn il-fattura nfisha, din harget minn 'Drs Demajo Dental Clinics', u minn l-ebda fornitur iehor separat. Jerga' jinghad, fuq il-fattura nfisha, ghalkemm l-ispejjez huma f'lista u mhux kollha f'daqqa, ma saret l-ebda distinzjoni bejn process u iehor. Anke fl-ittra ufficcjali stess mibghuta mill-atturi, l-ammont mitlub intalab ghal 'servizzi professjonali ta' dentistrija', b'mod li l-attur indika b'mod car hafna x'kien qed jitlob, u anke hawn, ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn servizz u prodott.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal jiddikjara illi f'dan il-kaz hija applikabbli l-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2149 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ebda preskrizzjoni ohra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, jiddikjara preskritta l-azzjoni attrici, u jichad it-talbiet ta' l-atturi. L-ispejjez jithallsu kollha mill-atturi.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur